MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Numru. 726/2003

Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)
vs
Chantelle Cortis

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Chantelle Cortis, detentrici tal-karta ta' l-identita Nru 66377(M), li permezz taghhom hija giet akkuzata talli fid-19 ta' Gunju, 2003 u f'dati precedenti fi Sliema u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer iffalsifikat jew biddlet minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghet tali merkanzija, jew xjtentement qieghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghandha ghal bejgh jew importat ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka sinjal jew

emblema imxebbhin b'qerq u cioe' basktijiet u accessorji tal-marki Louis Vuitton, Versace, Gucci u Chanel foloz. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampat, immanifatturat, idduplikat, jew mod iehor irripproduciet, jew ikkupjat, jew bieghet, qassmet, jew mod iehor offriet ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil / jew taht il-Ligi ta' Malta. Dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bi qliegh jew skop ta' kummerc, stampat, immanifatturat, iddupplikat, jew mod iehor ipproduciet jew ikkupjat, jew bieghet, jew qassmet jew mod iehor offriet ghal bejgh, jew biex titqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja jew bhala parti minn attivita koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil / jew taht il-Ligi ta' Malta. Dan bi ksur tal-Avviz Legali 120 tal-1992;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb li ma kellhiex oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputata debitament assistita tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003 meta kienu qed isirulha l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha issib lill-istess imputata <u>hatja</u> ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 298, 298 (b) tal-Kap. 9, l-Avviz Legali 120 tal-1992 u l-Artikoli 31 u 17 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat illi l-imputata

ikkoperat ferm maghha matul l-investigazzjoni, il-fatt illi l-oggetti illi gew iffalsifikati gew kollha elevati mill-pulizija u jinsabu fil-kustudja tal-pulizija, kif ukoll il-fatt illi l-imputata irregistrat ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellha u b'hekk evitat illi issir il-kumpilazzjoni. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali netta u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi kollha il-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut. Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt illi tillibera lill-imputata tobbligaha illi ma taghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor tul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------